



---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2022/0142(NLE)**

14.10.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea  
(COM(2022)0200 – C9-0171/2022 – 2022/0142(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Rivasi

PA\_Leg\_Consent

## **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Il-Kummissjoni daħlet f'neozjati mar-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana fl-2013 u kkonkludiet in-neozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA) f'Novembru 2018.

Il-foresti jkopru 87 % tal-erja tal-art totali tal-Guyana (madwar 18,3-il miljun ettaru) u jikkontribwixxu b'mod importanti għall-ekonomija, billi jipprovd l-impjiġi u mezzi ta' sussistenza. Il-maġġoranza l-kbira tal-foresti u tal-artijiet huma proprjetà tal-Gvern, filwaqt li 14 % tal-art (koperta minn 1,3 miljun ettaru ta' foresta; 6 % tat-total tal-pajjiż) hija proprjetà tal-popli indiġeni. Għalhekk, il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja għandu sinifikat kbir għall-pajjiż kif ukoll il-potenzjal li jagħti spinta lir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Guyana, filwaqt li jissottolinja madankollu l-importanza li tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa u effettiva għall-popli indiġeni fil-proċess tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja.

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja tal-Guyana għandu jtejeb il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-governanza, inaqqsas il-qtugħi illegali tas-siġar u jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li jappoġġa l-objettivi nazzjonali ta' żvilupp sostenibbli tal-pajjiż. Madankollu, is-suċċess tiegħu se jiddependi mill-implimentazzjoni effettiva tiegħu; Min-naħħa tal-Guyana sejkunu meħtieġa impenn sostnun u rieda politika. Min-naħħa l-oħra, l-assistenza tal-UE għandha tissaħħaħ biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bħala parti mill-proċess ta' rieżami tal-iprogrammar tal-programm bilaterali tal-UE għall-perjodu 2025-2027.

\*\*\*\*\*

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fissettur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea
<b>Referenzi</b>	2022/0142(NLE)
<b>Kumitat responsabbi</b>	INTA
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Michèle Rivasi 13.7.2022
<b>Eżami fil-kumitat</b>	30.8.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.10.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 21 - : 0 0 : 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Andrieu, Hildegarde Bentel, Catherine Chabaud, Lefteris Christoforou, Antoni Comín i Oliveres, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ilan De Basso, Caroline Roose
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	France Jamet, Pierre Karleskind, Ljudmila Novak, Christine Schneider

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>21</b>	<b>+</b>
ECR	Beata Kempa
ID	France Jamet
NI	Antoni Comín i Oliveres
PPE	Hildegard Bentele, Lefteris Christoforou, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė; Ljudmila Novak, Christine Schneider, Tomas Tobé
RENEW	Catherine Chabaud, Pierre Karleskind
S&D	Eric Andrieu, Ilan De Basso, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino
THE LEFT	Miguel Urbán Crespo
VERTS/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Caroline Roose

<b>0</b>	<b>-</b>
----------	----------

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni